*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1475/2009-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal li jirrappreżenta seba' kwadri ta' kuluri differenti bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

(1) ĠU C 260, 25.09.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2012 — Hartmann vs UASI — Mölnlycke Health Care (MESILETTE)**

**(Kawża T-342/10)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali MESILETTE — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti MEDINETTE — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2012/C 217/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Paul Hartmann AG (Heidenheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Mölnlycke Health Care AB (Göteborg, l-Isvezja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Mejju 2010, (fil-Każ R 1222/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Paul Hartmann AG u Mölnlycke Health Care AB.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-20 ta' Mejju 2010, (Każ R 1222/2009-2) hija annullata.*

(2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 288, 23.10.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2012 — Seikoh Giken vs UASI — Seiko Holdings (SG SEIKOH GIKEN)**

**(Kawża T-519/10)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali — Talba għal estensjoni territorjali tal-protezzjoni — Trade mark figurattiva SG SEIKO GIKEN — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti SEIKO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2012/C 217/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kabushiki Kaisha Seikoh Giken (Matsudo-shi Chiba, il-Ġappun) (rappreżentanti: G. Marín Raigal, P. López Ronda u G. Macias Bonilla, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Seiko Holdings Kabushiki Kaisha (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J. Fish, R. Miller, solicitors, u A. Bryson, barrister)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Awwissu 2010 (Każ R 1553/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Seiko Holdings Kabushiki Kaisha u Kabushiki Kaisha Seikoh Giken.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Kabushiki Kaisha Seikoh Giken hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 13, 15.01.2011.